# Carlo Diacono
## (1876 – 1942)

Twieled iż-Żejtun fl-ewwel ta' April tal-1876. Minn ċkunitu wera xeħta għall-mużika tant li missieru Orazio beda jgħallmu l-klarinett u ta' 10 snin beda jdoqq mal-Banda Beland taż-Żejtun.

Tgħallem ukoll il-pjanu u l-orgni. Ta' 16-il sena beda jistudja l-mużika mas-Surmast Paolino Vassallo u dam jistudja miegħu għal 10 snin sħaħ.

Il-Papa S. Piju X fl-1903 kien ħareġ 'Motu Proprio' dwar il-mużika sagra u s-Surmast Paolino Vassallo kien l-ewwel wieħed li beda jimxi skont il-Motu Proprio tant li ġie magħżul biex ikun il-Maestro di Cappella tal-Katidral fl-Imdina u l-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-belt Valletta.

Carlo Diacono kif ukoll Giuseppe Caruana li kienu studenti ta' Vassallo bdew huma wkoll jimxu skont il-Motu Proprio.

Meta mbagħad fl-1923 miet is-surmast Paolino Vassallo, Carlo Diacono ġie magħżul biex ikun il-Maestro di Cappella minn floku.

Meta Carlo beda jmexxi l-mużika fil-knejjes għażel numru ta' kantanti u mużiċisti biex ikunu l-membri tal-'Cappella Diacono' u fi żmien qasir kellu ħafna knejjes li għażlu lil Carlo Diacono biex ikun il-Maestro di Cappella tagħhom.

Fi żmien il-gwerra, Carlo u l-familja tiegħu marru joqgħodu Ħal Lija fi Triq il-Kbira u miet hemm fl-1942 fl-eqqel tal-gwerra.

Carlo miet; imma x-xogħolijiet tiegħu għadhom magħna. L-antifona "Hodie Maria Virgo" kitibha apposta għal Ħ'Attard fis-sena 1909 u tlestiet nhar l-10 ta'Awwissu.

Tajjeb ngħidu li kellu antifona oħra bl-istess isem li kien idoqqha wkoll fi żmien il-festa ta' Santa Marija.

